MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 18/2014

**Anthony VELLA**

**Vs**

**Giuseppe PIAZZI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-11 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallsu s-somma ta' elf mitejn wiehed u sebghin euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro [€1,271.81] u dan wara li ppremetta hekk:

"1. Illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' elf, mitejn u wiehed u sebghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1271.81c), liema ammont jirraprezenta bilanc dovut fuq xoghol ta'

plastering rez lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess. Dan oltre l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Tribunal:

1. Jikkundannah thallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u sebghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€1271.81), flimkien mal-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

   Bl-ispejjez kollha, inkluza VAT, u dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' April, 2014. Bl-ingunzzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fid-9 ta' Lulju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

"Illi t-talba attrici hija totalment u kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, u dana ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Illi preliminarjament, jigi rilevat illi t-talba attrici hija bbazata fuq kawzali illecita; u bhala tali ma tistax tigi akkolta minn dana l-Onorabbli Tribunal. Permezz ta' dina l-procedura l-attur qed jitlob hlas ghal bilanc illi huwa allegatament dovut lilu ghal xoghol, u liema bilanc huwa kkomputa abbazi ta' rata illi kellha tinkorpora fiha l-fattur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) meta huwa registrat biss – u fl-ahjar ipotezi ghalih – bhala VAT exempt; bil-konsegwenza illi l-esponenti hallas, u kemm-il darba t-talba attrici tintlaqa, ser ikompli jhallas kontijiet bil-fattur tal-VAT inkluz, meta l-imsemmija taxxa qed tinzamm mill-attur, u meta l-istess attur

mhux qed iforni lill-esponenti bl-ircevuti fiskali relattivi (illi jkunu jinkludu l-fattur tat-taxxa mhallsa); u dana bi ksur flagranti tal-ligijiet fiskali ta' pajjizna;

(b) Illi fil-mertu mbaghad u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut jeccepixxi illi l-attur diga thallas ampjament ghax-xoghol kollu li ghamel, u dana kif sejjer jirrizulta fil-mori ta' dina l-procedura;

(c) Illi fl-ahhar lok, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, kwalunkwe ammont illi jista jirrizulta illi huwa dovut mill-konvenut ghandu jigi pacut in parte ma ammont akbar illi ghandu jirrizulta illi huwa dovut mill-attur lill-konvenut innifsu skont ma jirrizulta mill-kontro-talba u illi qed tigi prezentata hawn kontestwalment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur, illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **l-kontro-talba** mressqa mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti u li permezz taghha ppremmetta hekk:

"Illi l-konvenut irid jinqeda bl-avviz ipprezentat mill-attur sabiex jipprezenta l-kontro-talba tieghu, u dana kif gej:

1. Peress illi l-konvenut kien ta' appalt lill-attur konsistenti f'xoghol;

2. Peress illi l-partijiet kienu ftehmu fuq rata preciza ghall-finijiet ta' dana l-appalt, u abbazi ta' liema rati kellu jigi kkomputat l-ammont dovut lill-attur ghal xogholu;

3. Peress illi l-esponenti ghamilha cara sa mill-bidu nett illi dina r-rata kellha tinkludi fiha l-fattur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud; mhux biss stante illi dana huwa l-mod legali ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet, izda wkoll stante illi sa minn dejjem kienet l-intenzjoni tal-konvenut

illi huwa jhallas ghax-xoghol in kwestjoni minn facilita bankarja illi huwa kien ha ghal dan il-ghan;

4. Peress illi l-konvenut dejjem hallas il-fatturi illi gew ipprezentati lilu mill-attur ghax-xoghol li kien qed isir minnu fuq struzzjonijiet tal-konvenut;

5. Peress illi meta l-istess konvenut beda jippressa lill-attur sabiex dana jfornieh bl-ircevuti fiskali relattivi illi jkunu jinkludu l-VAT imhallsa – gialadarba r-rata mifthema bejn il-partijiet kienet VAT included – dan ta' l-ahhar beda gew b'hafna skuzi;

6. Peress illi sussegwentement l-attur fornixxa ricevuta fiskali, imma rrizulta illi dina ma kinitx tinkludi l-VAT illi thallset debitament mill-konvenut stante illi rrizulta illi l-attur kien VAT exempt;

7. Peress illi per konsegwenza ta' dana l-agir da parti tal-attur il-konvenut spicca f'sitwazzjoni fejn huwa hallas lill-attur il-VAT meta dina ma kellha qatt tithallas gialadarba l-attur jidher li huwa VAT exempt;

8. Peress illi l-attur qed jirrifjuta illi jaghti dana l-ammont lura lill-konvenut, u peress illi l-konvenut ghandu suspett fondat illi huwa kien vittma da parti ta' l-attur fejn dan ta' l-ahhar kien qed jigbor il-VAT meta huwa ma kienx intitolat ghaliha;

   Ghaldaqstant u kkunsidrat dak kollu premess jghid ghalhekk l-attur 'l ghala dana l-Onorabbli Tribunal ma ghandux jordnalu jhallas ammont illi ma jkunx jezorbita l-kompetenza rationae valoris ta' dana l-istess Tribunal; ossia illi ma jkunx jaqbez l-ammont ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin Ewro (€3,494); u dana rapprezentanti l-ammont illi thallas zejjed mill-konvenut lill-attur, u liema ammont thallas mill-konvenut, indebitament, in linea ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex spicca biex inzamm mill-attur stess".

Ra **r-risposta tar-rikorrenti** minnu mressqa fit-13 ta' Ottubru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghall-kontro-talba tal-intimat:

"Risposta ghall-kontro-talba

Illi l-kontro-talba min naha tal-konvenut hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Illi huwa car il-fatt u kif ukoll sejjer jirrizulta fil-mori ta' din il-procedura illi waqt il-ftehim bejn il-partijiet, it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) qatt ma ssemmiet u qatt ma kien hemm xi ftehim dwarha. F'dan il-kaz japplikaw il-provvedimenti tal-ligi.

Illi l-attur dejjem forna ricevuta fiskali.

Illi l-kontro-talba hija frivola u vessatorja u hija biss pretensjoni bla bazi sabiex minghalih il-konvenut jinnewtralizza t-talba attrici"

Ra l-verbal datat 12 ta' Dicembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, r-rikorrenti talab lill-intimat ihallsu s-somma ta' €1271.81 rapprezentanti bilanc dovut ghal xoghol ta' *plastering*. L-intimat wiegeb ghal din it-talba billi qal li t-talba tar-rikorrenti hija bbazzata fuq kawzali illeciti u dan peress li l-hlas allegatament dovut minnu huwa kkomputa abbazi ta' rata illi kellha tinkorpora fiha l-fattur

tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) meta, skond l-istess intimat, ir-rikorrenti huwa registrat bhala ezenti minn din it-Taxxa. Konsegwentement, huwa qieghed izomm din it-Taxxa migbura ghalih minghajr ebda dritt fil-ligi. Oltre dan ma humiex jinghataw lill-intimat ir-ricevuti fiskali relattivi. Ghalhekk, kompla jghid l-intimat, r-rikorrenti diga thallas ampjament ghax-xoghol minnu maghmul. F'kull kaz, jekk hemm xi ammont dovut, dan ghandu jigi pacut ma ammont ferm ikbar dovut lill-istess intimat u li dwaru saret kontro-talba.

2. Fil-kontro-talba tieghu, l-intimat talab lit-Tribunal sabiex jillikwida ammont, li ma jeccediex il-kompetenza tieghu, liema ammont huwa dovut lilu mir-rikorrenti peress li huwa hallas l-VAT fuq l-ammonti rikjesti mir-rikorrenti, meta dan ma kellhu l-ebda dritt jigbor tali taxxa l-ghaliex kien ezenti. Ghalhekk, kompla jghid l-intimat, huwa spicca f'sitwazzjoni fejn huwa hallas lir-rikorrenti l-VAT meta dina ma kellha qatt tithallas gialadarba r-rikorrenti huwa ezenti minn din it-Taxxa. Meta r-rikorrenti gie mitlub jirrifondi lura dan l-ammont, l-istess rikorrenti irrifjuta li jaghmel dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Ir-rikorrenti wiegeb ghal din il-kontro-talba billi qal li qatt ma kienet issemmiet it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-ftehim bejn il-partijiet u lanqas ma kien hemm ftehim dwarha. Oltre dan, huwa dejjem forna ricevuta fiskali lill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. **Ir-rikorrenti** qal li huwa kien ftiehem fuq xoghol ta' bajjad mal-intimat u dan bir-rata ta' seba' euro (€7) is-siegha ghal kull haddiem. Qal li "*V.A.T. qatt ma ssemmiet, la jekk hix inkluza u l-anqas jekk hix eskluza*" (fol. 22). Fix-xhieda moghtija minnu fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2014, ir-rikorrenti qal li l-ftehim kien ta' seba' (7) euros fis-siegha u li VAT ma kienx issemma. Qal li kieku kien jaf li l-intimat ried il-VAT fuq il-kont tieghu, kien izid il-VAT mal-ammont li kien jibghatlu. F'Mejju tas-sena 2013 huwa kellu jieqaf jahdem peress li kellu jistenna lil xi haddiema ohra jlestu qabel ma seta jkompli. F'Mejju, 2013 l-intimat "*kien baqghalu jhallasni elf, mitejn u sbatax-il ewro u wiehed u tmenin centezmi (€1217.81)*" (fol. 22). Wara li lestew dawn il-haddiema l-ohra, huwa kompla bix-xogholijiet li kien inkarigah jaghmel l-intimat. Wara li r-

rikorrenti lesta x-xoghol minn rikjest, huwa pprezenta l-kont lill-intimat, ma liema kont kien hemm inkluzi l-€1217.81 li kellu jaghtih kif hawn imsemmi. Ir-rikorrenti qal li l-intimat "... *kien hallasni tal-ahhar kont pero dak l-ammont dovut ta' elf, mitejn u sbatax-il Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1217.81) baqa' ma hallsux*" (fol. 23). Qal li kien ikkomunika ma George Attard, il-persuna li kienet introducietu mal-intimat. Qal li l-intimat beda jsib l-iskuzi bil-VAT. Ir-rikorrenti qal li "*peress illi l-haddiema li kelli mieghi jahdmu bhala self-employed, uhud mill-ircevuti li jien ghaddejt lil Piazzi inhargu direttament minn fuq dawn il-haddiema cioe mir-receipt book taghhom. Il-bqija ta' l-ircevuti inhargu mit-tifel tieghi li fuqu ghandu registrazzjoni tal-VAT, u li ukoll hadem fuq il-post*" (fol. 23). Ir-rikorrenti stqarr li meta inhargu ricevuti minn persuna li kienet taxxabbli, dawn inhargu minghajr zieda u fejn inhargu ricevuti minn persuna ezenti (ibnu) l-ircevuti inhargu bla tnaqqis. Ghalhekk, kompla jghid ir-rikorrenti, l-intimat "... *hallas dejjem bir-rata ta' seba Ewro is-siegha kif miftiehem u qatt ma hallas jew gie mitlub ihallas aktar*" (fol. 23). Stqarr ukoll li meta kien hemm okkazzjoni fejn huwa kien zied il-VAT fuq kont partikolari mahrug lill-intimat, dan ta' l-ahhar kien oppona u kien nehhieh. Fil-fatt imbaghad, kompla jghid ir-rikorrenti, ibnu Sharlon Vella hareg ricevuta. Sal-lum, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa kien ghadu ma thallasx minghand l-intimat. In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li huwa kellu numru tal-VAT u li ma kienx VAT exempt.

4. Mart l-intimat, **Patrizia Piazzi** xehdet u qalet li r-rikorrenti kien gie ingaggat bhala bajjad. Ir-rikorrenti da parti tieghu kien imur kull filghodu flimkien man-nies tieghu biex jahdem fuq il-fond proprjeta tal-intimat. Stqarret li hi ma kienitx involuta fin-negozjati li kienu sehhew bejn zewgha l-intimat u r-rikorrenti. Hi pero kienet il-persuna li kienet qeghda tiehu hsieb il-kontijiet u kienet tohrog ic-cekkijiet relattivi ghalihom. Stqarret li r-rikorrenti, ghalkemm kien qieghed jaghtihom bicca karta bil-kont tieghu, ma kienx qieghed jirilaxxa r-ricevuti fiskali relattivi. Meta beda jghaddi z-zmien u l-ircevuti fiskali baqghu ma inghatawx mir-rikorrenti, hija kienet haditu ghand l-accountant taghha Pauliana Said sabiex turih kif riedet ir-ricevuti. Sussegwentement, ir-rikorrenti kien ghaddielha l-ircevuti fiskali pero dawn kienu tat-tip ezenti mill-VAT. Peress li dawn ma kienux dawk li riedet ix-xhud, hija regghet marret mar-rikorrenti ghand l-accountant taghha.

5. **George Attard** xehed u qal li kien hu li kien irrakkomanda lill-intimat sabiex jinkariga lir-rikorrenti jaghmillu x-xoghol ta' tibjid fil-proprjeta tieghu gewwa l-Munxar. Stqarr li l-ftehim bejn il-partijiet sar quddiemu u li lir-rikorrenti kien qallu li l-intimat "*... irid xoghol bil-VAT*" (fol. 40). It-twegiba tar-rikorrenti ghal din, kienet "*... mhux problema u bdew jifthemu, ra x-xoghol u x-xoghol hadu*" (fol. 40). Qal li r-rata, jekk ma kienx sejjer zball kienet ta' seba' euro (€7) is-siegha u l-pagament kellu jsir kull hmistax. Meta l-partijiet kienu marru ghand l-acountant, ix-xhud kien prezenti. Mistoqsi jekk jiftakarx lir-rikorrenti jghid lill-accountant li jekk l-intimat ried il-VAT huwa kien ser ikollu jhallas aktar, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

6. **L-intimat** xehed u qal li kull haddiem li huwa kien inkariga sabiex iwettaq xogholijiet fil-proprjeta tieghu gewwa l-Munxar kien konxju mill-fatt li ried ir-ricevuta tal-VAT u dan peress li kellhu self mal-Bank. Mar-rikorrenti kien ftiehem "*... seven (7) euro an hour including VAT*" (fol. 86). Qal li kien xeba' jitlob l-ircevuti fiskali lir-rikorrenti u waqaf ihallsu biex forsi huwa jaghtih l-istess. Darba fost l-ohrajn, kompla jghid l-intimat, kien mar ir-rikorrenti flimkien ma ibnu ghandu u dawn talbuh ghal bilanc li kien ghad fadlilhom jiehdu. Qal li huwa kien qalilhom "*... I'm going to pay you when you give me the receipts for my VAT because I need to deduct it*" (fol. 87). In negozjati mar-rikorrenti qabel ma nbdew ix-xogholijiet saru bl-intervent ta' George Attard.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. L-artikolu 49 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid hekk:

49. (1) Meta persuna reġistrata tindika l-prezz ta' oġġetti offerti għal bejgħ bl-imnut, dak il-prezz għandu jiġi ndikat b' mod li jkun jinkludi t-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att, jekk ikun hemm, dwar il-provvista tal-oġġetti msemmija[1].

[1] Fil-verzjoni Ingliza dan l-artikolu tal-Ligi jaqra hekk:

(2) Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa[2].

(3) Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fil-prezz imħallas għal provvista fuq fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġ minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra dak il-prezz għandu jitqies li ma jkunx jinkludi t-taxxa[3].

8. Jirrizulta mix-xhieda ta' George Attard, li kien il-persuna li introduca r-rikorrenti ma' l-intimat li l-hlas ghax-xoghol li kellhu jaghmel ta' l-ewwel kien jinkludi l-VAT. Ir-rikorrenti jammetti li huwa li huwa kellhu numru ta-VAT u ma kienx ezenti mill-hlas ta' din it-taxxa (ara ukoll c-certifikat relattiv a fol. 45). Da parti tieghu, l-intimat, ried li huwa jkollu ricevuti fiskali sabiex imbaghad ikun jista jitlob lura l-hlas tal-VAT Minnu mhallsa u dan peress li x-xoghol rikjest minnu lir-rikorrenti kien ghal negozju u allura huwa seta jibbenefika milli jitlob lura din it-taxxa fuq hlasijiet maghmula minnu li Skond l-artikolu hawn fuq citat, fil-prezz ta' sebgha euro (€7) kien hemm il-VAT. Di fatti, dan ix-xhud jghid li lir-rikorrenti huwa kien qallu li l-intimat "*... irid xoghol bil-VAT*" (fol. 40). It-twegiba tar-rikorrenti ghal din, kienet "*... mhux problema u bdew jifthemu, ra x-xoghol u x-xoghol hadu*" (fol. 40). Gara li l-intimat kien qieghed jinghata,

49. (1) Where any registered person indicates the price of goods offered for sale by retail, such price shall be indicated in such a manner as to be inclusive of the tax chargeable under this Act, if any, on the supply of the said goods.

[2] (2) Where the amount of tax chargeable under this Act is not identified in a payment for a taxable supply or in a price charged, otherwise than in an invoice or a document serving as invoice issued by a taxable person to another taxable person, for a taxable supply that payment or price shall be deemed to be inclusive of tax.

[3] (3) Where the amount of tax chargeable under this Act is not identified in the price charged for a supply on an invoice or a document serving as invoice issued by a taxable person to another taxable person that price shall be deemed to be exclusive of tax.

wara hafna insistenza, ricevuti li kienu VAT exempt biex b'hekk huwa ma setax jitlob il-hlas tal-VAT lura.

9. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta s-segwenti:

| Data tan-Notament | Ammont | Fol. | Data tac-cekk | Intestat lil | Ammont | Dok. | Fol. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10/2/13 | €2562 | 113 | 12/2/13 | Sharlon Vella | €2562 | DB 1 | 53/113 |
| 24/2/13 | €2611 | 114 | 26/2/13 | Sharlon Vella | €2611 | DB 2 | 54/114 |
| 10/3/13 | €1666 | 115 | 12/3/13 | Sharlon Vella | €1660 | DB 3 | 55/115 |
| 24/3/13 | €1704.50 | 116 | 25/3/13 | Sharlon Vella | €1704.50 | DB 4 | 56/116 |
| 7/4/13 | €1512 | 117 | 9/4/13 | Charlon Vella | €1512 | DB 5 | 57/117 |
| 21/4/13 | €2308 | 118 | 23/4/13 | Sharlon Vella | €2308 | DB 6 | 58/118 |
| 5/5/13 | €2332 | 119 | 7/5/13 | Sharlon Vella | €600 | DB 7 | 59/119 |
| | | | 22/5/13 | Sharlon Vella | €1732 | DB 8 | 60 |
| 19/5/13 | €2568 | 120 | 12/6/13 | Sharlon Vella | €2568 | DB 9 | 61/120 |
| 31/5/13 | €2217.81 | 121 | 15/7/13 | Sharlon Vella | €1000 | DB 10 | 62/121 |
| | | | | | | | |
| Total | €19481.31 | | | Total | €18257.50 | | |

10. B'hekk, l-ammont reklamat mir-rikorrenti minghand l-intimat ghax-xoghol minnu mwettaq kien ta' €19,481.31c. L-intimat hallsu s-somma ta' €18,257.50c. B'hekk minn dak hawn fuq indikat jirrizulta li l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti s-somma bilancjali ta' €1,223.81c.

11. Mid-dokumentazzjoni esebita fil-process, ghar-rigward ta' ricevuti fiskali ezenti u mhux ezenti jirrizulta s-segwenti:

<u>Ricevuti Ezenti mill-hlas tal-VAT</u>

| Isem tal-persuna li harget ir-ricevuta fiskali | Data | Ammont | Dokument Nru | Fol. |
|---|---|---|---|---|
| Sharlon Vella | 10/4/13 | €495 | DB 11 | 63 |
| Sharlon Vella | 12/2/13 | €32 | DB 11 | 63 |
| Sharlon Vella | 3/4/13 | €1400 | DB 12 | 64 |
| Sharlon Vella | 17/3/13 | €1250 | DB 12 | 64 |
| Sharlon Vella | 6/7/13 | €1200 | DB 14 | 66 |
| Sharlon Vella | 23/6/13 | €1000 | DB 14 | 66 |
| | | | | |
| | Total | €5377 | | |

## Ricevuti Soggetti ghal-VAT

| Isem tal-persuna li harget ir-ricevuta fiskali | Data | Ammont | Dokument Nru | Fol. |
|---|---|---|---|---|
| Anthony Vella (mhux ir-rikorrenti) | 12/6/13 | €4786.67 | DB 11 | 63 |
| Saviour (l-isem mhux car) Saliba | 29/12/13 | €1893.14 | DB 13 | 65 |
| | | | | |
| | Total | €6,679.81 | | |

12. B'hekk, ricevuti ezenti mill-hlas tal-VAT hemm b'kollox €5,377 filwaqt li ricevuti soggetti ghall-hlas tal-VAT hemm €6,679.81c. Jekk jinghaddu dawn iz-zewg ammonti jigi l-ammont ta' €12,056.81 mhallas mill-intimat lir-rikorrenti li huwa kopert b'xi tip ta' ricevuta, ezenti u mhux. Diga irrizulta mill-konteggi hawn fuq maghmula li l-intimat ghandu jaghti s-somma ta' €1,223.81c lir-rikorrenti. Jekk dan l-ammont jinghadd mas-somma ta' €12,056.81c jigi €13,280.62. Dan ifisser li hemm l-ammont ta'

€6200.69 li thallas mill-intimat lir-rikorrenti u li r-rikorrenti ma ipprovdiex ricevuta ghalih.

13. Peress li t-Tribunal wasal ghal konkluzzjoni li l-ftehim maghmul bejn il-partijiet kien jinkludi l-VAT, jirrizulta li l-intimat hallas lir-rikorrenti VAT li huwa ma jistax jigbor l-ghaliex ir-ricevuti inhargu tat-tip exempt. Dawn it-tip ta' ricevuti jammontaw ghal €5377 li jekk tnaqqas l-ammont ta' tmintax fil-mija (18%) minnu jigi €4556.78. B'hekk l-intimat tilef l-ammont ta' €820.22c. Dan l-ammont huwa dovut mir-rikorrenti lill-intimat.

14. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

<u>Ghar-rigward tat-Talba Principali</u>

i. Filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' elf mitejn tlieta u ghoxrin euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro [€1,223.81c] u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mitejn tlieta u ghoxrin euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro [€1,223.81c];

<u>Ghar-rigward tal-Kontro-Talba</u>

i. Filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa l-kontro-talba tal-intimat u konsegwentement qieghed jikkundanna lir-rikorrenti jhallas lill-intimat is-somma ta' tmien mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin centezmi ta' euro [€820.22c];

In vista ta’ dak hawn fuq deciz, u bl-applikazzjoni tat-tpacija, l-intimat qieghed jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija u tlett euro u disgha u hamsin centezmi ta’ euro [€403.59c] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-lum.

In vista ta’ dak hawn fuq deciz, u peress li mill-atti processwali jirrizulta li kien hemm xi ammonti (b’kollox €6200.69) li thallsu mill-intimat lir-rikorrenti (ghalkemm il-hlasijiet saru lil ibnu Sharlon Vella) u li r-rikorrenti jew ibnu ma hargux ricevuti ghall-hlasijiet maghmula, t-Tribunal qieghed jordna lir-Registratur sabiex jikkomunika din is-sentenza lid-Direttur inkarigat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex jinvestiga l-kaz u jiehu dawk il-passi kollha li jidhrulu xierqa u opportuni, jekk ikun il-kaz.

L-ispejjez fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------